MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru. 402/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**

**KONTRA**

**MARIO FALZON ta’ 53 sena, iben George u Giovanna nee’ Zerafa, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-14.08.1956, residenti fil-fond Eden House, Cospicua Road, Fgura, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 565456M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **MARIO FALZON** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar xhur, u cioe’ fit-30 ta’ Dicembru, 2001 u/jew fil-jiem u xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli nhar it-30 ta' Dicembru, 2001 instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu mohbija fir-residenza tieghu, u cioe' gewwa Eden House, Cospicua Road, Fgura, erbgha u ghoxrin(24) flixkun tal-litru Bacardi Rum, flixkun(1) tal-litru Langs Supreme Whisky, pakkett b'ghoxrin(20) sigarett Rothmans Blue, pakketta b'sitt (6) sigaretti Rothmans Blue, u zewg pakketti vojta tas-sigaretti Rothmans Blue u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxi li jkun imisshom jithallsu, u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni u/jew b'xi moid jiddisponi minnhom. Is-sigaretti u xorb in kwistjoni ghandhom valur totali ta' Lm54.40, dazju tas-SISA ta' Lm104.026, liema dazju u SISA ma giex imhallas u/jew kawtelat, dan bi ksur tal-Artikolu 60(a), (b), (c), u (k) u l-Artikolu 62(a),(b),(c),(f),(g),(h),(i), u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, u l-Artikolu 16(j) u 17(a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-SISA tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu mohbija fir-residenza tieghu, u cioe' gewwa Eden House, Cospicua Road, Fgura, erbgha u ghoxrin(24) flixkun tal-litru Bacardi Rum, flixkun(1) tal-litru Langs Supremen Whisky, pakett b'ghoxrin(20) sigarett Rothmans Blue, pakkett b'sitt(6) sigaretti Rothmans Blue, pakkett b'sittax(16)-il sigarett Rothmans Blue, pakkett bi tlettax(13)-il sigarett Rothmans Blue, u zewg pakketti vojta tas-sigaretti Rothmans Blue u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxi li jkun imisshom jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, u/jew b'xi mod jiddisponi minnhom, liema oggetti, li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita u/jew ristretta b'valur totali ta' Lm159.143 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur

Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm23.87, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, bi ksur ta' l-Att numru XXIII ta' l-1998.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji kif ukoll illi huwa wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji kif ukoll il-letter to prosecute mahruga mill-Kummissarju tal-VAT u Kontrollur tad-Dwana;

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-provi prodotti;

Rat ukoll b'mod partikolari l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Mario Falzon, fiha frankamente ma halla ebda dubbju dwar il-htija tieghu, fil-konfront ta' l-akkuzi lilu addebitati (DOK MF, folio 19 – 21).

Ghaldaqstant qieghda ssib lil Mario Falzon hati ta' l-akkuzi kif dedotti, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 60 u 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dwar il-piena rat il-valur tad-dazju u l-VAT skond il-letter to prosecute gia' hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant qieghda tikkundanna lil Mario Falzon ghal **multa €2,215.83 (elfejn mitejn u hmistax-il Ewro, u tlieta u tmenin centezmu)**;
Rat ukoll l-Artkolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal **tlitt(3) xhur habs sospizi ghal sitt(6) xhur**.

Tordna l-**konfiska** ta' l-oggetti kollha li gew ezebiti fil-mori ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------